MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 1865/1996/1

**Raymond Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Ray Camilleri Marble Works Ltd.**

**Vs**

**Anthony Scicluna personalment u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` TSC Construction Limited**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fil-31 ta' Mejju 1996 li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi s-socjeta` attrici hija kreditrici tal-konvenuti fis-somma ta' tmien mija u tlieta u hamsin lira u sebgha u sittin centezmu (Lm853.67,0) prezz ta' rham u oggetti

simili u ancillari lilhom mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta` attrici;

Premess illi l-konvenuti nonostante l-fatt li gew diversi drabi interpellati jhallsu naqsu;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tikkundanna lill-konvenuti solidalment jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmien mija u tlieta u hamsin lira u sebgha u sittin centezmu (Lm853.67,0);

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mill-1 ta' Jannar 1993 kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut *proprio et nomine* ipprezentata fis-27 ta' Dicembru 1996 li permezz taghha huwa eccepixxa:

Il-fatt illi t-talba attrici hija infondata sew fil-fatt u sew fid-dritt stante li ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta` attrici u l-konvenut personalment, kif jigi ppruvat ahjar waqt is-smiegh tal-kawza;

Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba tas-socjeta` attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost ix-xoghlijiet maghmula mis-socjeta` attrici gew imhallsa fl-intier taghhom u ma fadal l-ebda bilanc dovut;

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez b' kollox;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut *proprio et nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat l-Affidavits ipprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xiehda moghtija;

Rat in-noti ntavolati mill-kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

L-ammont pretiz mis-socjeta` attrici f’ din l-istanza jirreferi ghal xoghlijiet ta’ rham kommissjonati lilha, ahjar dettaljati fl-ittra spjegattiva tal-11 ta’ Mejju 1995, esebita a fol. 42 tal-process. Xi xoghlijiet gew ezegwiti fuq inkariku tas-socjeta` konvenuta u ohrajn fuq inkariku tal-konvenut personalment; b’ aktar precizazzjoni l-fattura Nru. 300792 fl-ammont ta’ erbgha u tletin lira, tlieta u tmenin centezmu (Lm34.83,0) li tirreferi ghal xoghlijiet fir-residenza tal-konvenut;

Apparti x-xoghlijiet elenkati fil-precitata ittra huwa pacifiku bejn il-kontendenti illi s-socjeta` attrici ezegwiet fuq inkariku tas-socjeta` konvenuta xoghlijiet ohra fuq progetti tal-Gvern f’ Taz-Zwejt, San Gwann u f’ ta’ Bulebel. Jidher li l-hlasijiet dwar dawn il-progetti gew saldati, kif evidenzjat minn numru ta’ cekkijiet esebiti (fol. 28 sa fol. 30) u kif ammess ukoll mill-attur *nomine* (fol. 46). Il-kwestjoni ghalhekk tibqa’ dik biss formanti l-bazi u l-obbjett ta’ l-azzjoni attrici;

Il-kontestazzjoni tal-konvenut *proprio et nomine* fil-konfront tat-talba promossa mis-socjeta` attrici hi cirkoskritta fuq tliet elementi:

(1) Li, personalment, ma huwiex il-legittimu kontradittur;

(2) Il-preskrizzjoni bjennali prevvista mill-Artikolu 2149 (a) tal-Kodici Civili;

(3) Li ma hu dovut l-ebda bilanc x' jithallas minnu;

Kwantu ghall-ewwel element tal-kontestazzjoni gja gie rilevat aktar il-fuq mill-ittra esebita illi certu xoghol sar fir-residenza tal-konvenut. Dan sa certu punt ma huwiex assidwament kuntrastat mill-konvenut tant li fil-fatt jirrikonoxxi illi in pessima ipotesi r-responsabilita` tieghu personali ghandha tkun limitata ghas-somma ta' erbgha u tletin lira, tlieta u tmenin centezmu (Lm34.83,0). B' danakollu hu mbaghad jimmiskja dan id-debitu fil-parametri tal-kontrattazzjonijiet l-ohra interkjuzi bejn il-partijiet fuq progetti ohra;

Dan l-argoment mhux acettabbli minn din il-Qorti ghal zewg ragunijiet. Fl-ewwel lok ix-xoghol fir-residenza tal-konvenut ma kellux jigi konfondut ma' xoghlijiet ohra. Fit-tieni lok huwa ben maghruf illi meta wiehed jikkontratta f' ismu personali ma jistax sussegwentement isostni li kien bhala fatt qed jikkontratta f' isem haddiehor jew f' isem xi enti guridika separata jekk dan il-fatt ma jkunx maghruf minn min jezegwixxi x-xoghol. Ara "**Anthony Cremona *et* -vs- John Magro *et***", Appell, 6 ta' Ottubru 1999;

Fic-cirkostanzi l-ewwel eccezzjoni interposta ma tistax tircievi l-adezjoni ta' din il-Qorti;

Dwar il-preskrizzjoni eccepita, li ma jidherx li giet attakkata mis-socjeta` attrici bhala inammissibbli, jinsab ritenut mill-konvenut *nomine* illi din l-istess preskrizzjoni ma gietx interrotta b' att gudizzarju u kwalsiasi komunikazzjoni

verbali bejn il-partijiet ma sservix biex tinterrompi l-preskrizzjoni li tkun miexja. Da parte taghha s-socjeta` attrici tikkontendi illi c-*cheque* datat 21 ta' Mejju 1993 (fol. 41) emess mis-socjeta` konvenuta jikkostitwixxi rikonjizzjoni tad-debitu. Rikonjizzjoni li skond l-istess socjeta` attrici baqghet tippersisti anke ghal zmien ulterjuri wara meta irrizulta li c-*cheque* ricevut ma ssarrafx minhabba nuqqas ta' fondi fl-akkont. Sond l-versjoni ta' l-attur, mhix zmentita jew b' xi mod kontrastata, "wara illi l-imsemmi *cheque* ma giex onorat, jiena mort inkellem lil Anthony Scicluna kemm-il darba, kien jghidli dejjem biex niehu pacenzja, u qalli li kien lest jaghmilli garanzija b' xi proprjeta` li huwa kellu l-Wardija" (fol. 46);

Fuq dan il-punt il-konvenut *nomine* jikkontendi zewg affarijiet fin-Nota ta' sottomissjonijiet tieghu u cjoe`:

(a) Li fir-rigward tieghu personalment dan ma jinterrompix il-preskrizzjoni;

(b) Anke jekk talvolta jigi accettat li c-*cheque* kien jammonta ghall-interruzzjoni xorta jigi li bejn id-data ta' l-emissjoni tac-*cheque* u l-prezentata ta' l-azzjoni, kienu skorrew aktar minn sentejn;

Kwantu ghall-ewwel aspett ta' dak sostenut mill-konvenut wiehed necessarjament jifhem illi dak li qed jippretendi l-konvenut hu l-fatt illi gjaladarba c-*cheque* inhareg mis-socjeta` tieghu u mhux minnu personalment allura dan l-istess *cheque* ma jservix ta' interruzzjoni fil-kaz ta' l-ammont pretiz minghandu personalment. Evidentement, il-konvenut meta jghid jew jahseb dan donnu qed jinsa dak dispost fl-Artikolu 1148 (2) tal-Kodici Civili fir-rigward ta' hlas li jsir minn terza persuna biex tissodisfa d-debitu ta' min hu obbligat ghal hlas. (Ara **Kollez. Vol. XLIX P II p 681**). Konsegwentement dak ic-*cheque* mahrug mill-kumpanija biex jissodisfa wkoll dik il-parti tal-kreditu dovuta minnu personalment ghandha wkoll titqies bhala rikonoxximent u allura ta' interruzzjoni;

Kwantu ghat-tieni aspett huwa qabel xejn pacifiku kemm fid-dottrina kif ukoll fil-gurisprudenza illi r-rikonjizzjoni tad-debitu tista’ tkun prezunta jew indiretta dedotta minn fatt konkludenti, inkompatibbli mal-volonta` tal-kontestazzjoni tad-dritt tal-kreditur (**Pugliese**, “Prescrizione Acquisitiva” para. 277). Dippju lanqas ma hu mehtieg li r-rikonjizzjoni tkun tal-kwantita` kollha dovuta (**Fadda**, “Gurisprudenza Kod. Civ. Ital. Art. 2129 para. 46) u tista’ tirrigwarda wkoll kreditu illikwidu bhal fil-kaz li d-debitur jipprometti li jhallas jekk id-dejn tieghu jigi pruvat. Ara **Kollezz. Vol. XXVI P II p 13; Vol. XLV P II p 632; “Victor Calleja *nomine* -vs- Nazzareno Vassallo *et nomine*”**, Appell, 5 ta’ Ottubru 1998;

Dan premess, ma ghandux ikun dubitat illi l-emissjoni tac-*cheque* jissarraf f’rikonoxximent car, esplicitu u inkondizzjonat tad-debitu. Rikonoxximent li kapaci jinterrompi l-preskrizzjoni eccepita;

Issa l-konvenut filwaqt li donnu jaghraf dan jissokta jsostni illi wara dan ir-rikonoxximent rega’ beda jiddekorri terminu gdid ta’ preskrizzjoni u ghalhekk xorta wahda l-azzjoni attrici tinsab preskritta gjaladarba ddekorrew tliet snin u ghaxart ijiem mid-data tal-hrug tac-*cheque* (21 ta’ Mejju 1993) sad-data ta’ l-intavolar tal-kawza (31 ta’ Mejju 1996);

Din il-Qorti ma tikkondividix dan l-argoment u jidher li ghal darba ohra l-konvenut ikollu jigi mfakkar f’ dak ritenut fl-Artikolu 2151 (2) tal-Kodici Civili. Din id-disposizzjoni effettivamnet tipprovdi illi fejn il-kreditu ghal xoghlijiet jirrizulta minn kont accettat mid-debitur jew minn dikjarazzjoni ohra tad-debitur bil-miktub, l-azzjoni ma taqax bi preskrizzjoni hlief b’ gheluq ta’ hames snin li jibdew mid-data ta’ dak il-kont jew ta’ dik id-dikjarazzjoni;

Huwa indiskutibilment car mill-fatt innifsu ta’ l-emissjoni tac-*cheque* ghall-istess ammont mitlub mis-socjeta` attrici

fic-citazzjoni illi l-konvenut *proprio et nomine* kien accetta l-kont f' dan l-istess ammont lilu mibghut mis-socjeta` attrici, kreditrici tieghu.  Kont li mill-kontenut ta' l-ittra esebita a fol. 42 jirreferi ghal xoghlijiet ezegwiti fl-1992 in konsegwenza ghall-ftehim datat 11 ta' Dicembru 1991;

Fid-dritt Ruman jidher li accettazzjoni u rikonoxximent bhal dan jittraduci ruhu fl-azzjoni denominata "*actio constitutae poecuniae*", fundata fuq il-patt ("*constitutum*") li bih wiehed jobbliga ruhu li jhallas dak li ghandu jhallas hu jew haddiehor, bi kwalunkwe titolu, anke fejn l-oggett ta' l-obbligazzjoni jkun incert.  Jghid il-**Pothier** illi "*per contrarre il costituto bisogna che le parti siano d' accordo*".  Ara fuq din it-tematika d-decizjoni a **Vol. XLIII P II  p 744**.  Riportat ghal kaz *de quo* huwa innegabbli illi bil-fatt tal-hrug tac-*cheque*, anke jekk dan baqa' ghal ragunijiet ohra, ma ssarrafx, dan kien jammonta ghal manifestazzjoni cara ta' konvenzjoni vera u proprja li biha l-konvenut *proprio et nomine* kien qed jistqarr li huwa debitur versu s-socjeta` attrici, f' liema kaz issir applikabbli l-preskrizzjoni kwinkwennali (**Kollez. Vol. XXXIII  P I  p 142**);

Anke allura in bazi ghal konsiderazzjonijiet fuq maghmula t-tieni eccezzjoni wkoll ma tistax tigi akkolta;

Kwantu ghat-tielet element tad-difiza tal-konvenut, kemm fid-dawl ta' dak superjorment ritenut, kif ukoll mill-konsiderazzjoni ewlenija li c-*cheque* mibghut mill-konvenut baqa' ma ssarrafx dan hu bizzejjed biex jinduci lil din il-Qorti tiskarta ghal kollox din l-istess difiza billi hu lampantement ovvju illi l-konvenut *proprio et nomine* ghad baqalu bilanc xi jhallas.  Dak proprju reklamat mis-socjeta` attrici;

Dan premess, din il-Qorti ma tistax taccetta l-pretensjoni tas-socjeta` attrici illi d-debitu ghandu jitqies wiehed solidali.  Din is-solidarjeta` la tirrizulta fil-fatt u lanqas fid-dritt billi minn imkien ma tirrizulta prova dwarha u hlief fil-

kaz ta' obbligazzjonijiet kummercjali ma tezisti l-ebda presunzjoni ghas-sostenn ta' l-istess solidarjeta`. Il-Qorti ghalhekk ser tahseb biex tikkundanna lill-konvenuti jhallsu mis-somma dovuta dik il-parti biss li tmiss lilhom.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tikkundanna lill-konvenut personalment ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erbgha u tletin lira Maltija, tlieta u tmenin centezmu (Lm34.83,0) bl-interessi kif mitluba. Tikkundanna invece lill-konvenut *nomine* ihallas lis-sojceta` attrici s-somma bilancjali ta' tmien mija u tmintax-il lira Maltija, erbgha u tmenin centezmu (Lm818.84,0) kompriz ukoll l-imghaxijiet kif miltuba fuq din is-somma;

L-ispejjez gudizzjarji ghandhom jigu sopportati mill-konvenut *proprio et nomine* fil-proporzjon ta' kif is-somma giet kondiviza bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------